# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Gunju, 2001**

**Numru 34**

**Cit. Nru. 796/01 GCD**

**Globe Imports Limited**

**Vs**

**Nicholsons The Supermarket Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elfejn hames mija u tnejn u tletin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm2,532.48) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha kkonsenjata u mhux imhallsa kif jidher mill-istatement Dokument "A";

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, izda baqghet inadempjenti;  u

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn hames mija u tnejn u tletin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm2,532.48) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha kkonsenjata u mhux imhallsa;

Bl-ispejjez inkluzi l-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Adrian Portanier Mifsud u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm